

Brussell, 1 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16142/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0228(COD)

AGRI 761
AGRILEG 319
SEMENCES 111
PHYTOSAN 121
FORETS 195
CODEC 2320
IA 341

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) / Kunsill
Nru dok. Cion:	11503/23
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti) - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti leġiżlattivi relatati mill-qrib biex tirrevedi u taġġorna r-regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti (PRM) u tal-materjal riproduttiv tal-foresti (FRM) fl-UE. Dawn ġew ippreżentati lill-Kunsill fis-6 ta' Lulju 2023 bħala parti mill-pakkett tal-Kummissjoni dwar l-ikel u l-bijodiversità, sett ta' proposti leġiżlattivi li jkopru wkoll is-saħħa tal-ħamrija, tekniki ġenomiċi ġodda u r-reviżjoni parzjali tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart.

2. Ir-Regolament propost dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti¹ jissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE. Dan iqis l-iżviluppi reċenti fil-qasam tal-forestrija, inkluż l-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 u l-istandards il-ġodda tal-OECD dwar l-Iskema dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti. Għandu l-objettivi ġenerali li ġejjin:

- Li jiċċara u jimmodernizza r-regoli attwali,
- Li jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi,
- Li jappoġġa l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-industrija tal-UE,
- Li jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi relatati mas-sostenibbiltà, mal-bijodiversità u mal-klima,
- Li jadatta għal żviluppi xjentifiċi u tekniċi ġodda,
- Li jiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti, u
- Li jtejjeb il-konsistenza mal-leġiżlazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali u s-saħħa tal-pjanti.

Ir-Regolament il-ġdid ikopri ż-żrieragħ, il-partijiet tal-pjanti u l-pjanti użati għall-afforestazzjoni, ir-riforestazzjoni u tipi oħra ta' tħawwil ta' siġar.

3. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali għandu r-responsabbiltà ewlenija u s-Sur Herbert Dorfmann (PPE, l-Italja) inħatar bħala rapporteur. L-abbozz ta' rapport tiegħu ġie ppubblikat fl-10 ta' Novembru 2023. Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel ser jagħti opinjoni.

¹ 11503/23 + ADD 1

II. SITWAZZJONI ATTWALI TAL-ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha² f'vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Riżorsi Ġenetiċi u Innovazzjoni fl-Agricoltura (minn hawn 'il quddiem "il-Grupp ta' Ħidma") fis-6 ta' Lulju 2023. Sussegwentement, fil-25 ta' Lulju 2023, il-proposta ġiet ippreżentata fil-Kunsill AGRIFISH.
2. L-eżami u d-diskussjonijiet dettaljati tal-artikoli tal-proposta komplew bejn Settembru u Diċembru 2023. Matul il-Presidenza Spanjola total ta' erba' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma ffukaw fuq id-diskussjoni tal-Artikoli 1-17, 30, 31 u l-Annessi II-VII tal-proposta.

3. KWISTJONIJIET EWLENIN U PROGRESS MIKSUB

Kien hemm għadd kbir ta' kummenti tekniċi mid-delegazzjonijiet kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub. Kien hemm għadd kbir ta' kummenti tekniċi mid-delegazzjonijiet kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub dwar it-test sħiħ tal-proposta. Kif indikat hawn fuq, il-Presidenza Spanjola ħadmet fuq test rivedut għall-Artikoli 1-17, 30, 31 u l-Annessi II-VII u ppruvat takkomoda l-biċċa l-kbira ta' dawn il-kummenti, bl-għan li tiżviluppa u tiċċara l-kontenut ta' dawn l-Artikoli.

a) Kummenti ġenerali

Id-delegazzjonijiet ippreżentaw kummenti ġenerali dwar il-proposta kollha. Huma jappoġġaw b'mod ġenerali l-oġġettivi ewlenin tal-proposta, kif imfakkar hawn fuq, u jilqgħu l-fatt li l-FRM huwa s-suġġett ta' leġiżlazzjoni indipendenti.

Jivvalutaw ukoll il-fatt li nżammu s-sitt tipi bażiċi ta' materjal (is-sors taż-żerriegħa, il-popolament, il-ġardina taż-żrieragħ, il-ġenitur(i) ta' familja, il-klonu jew it-taħlitiet ta' kloni) u l-erba' kategoriji tal-FRM (identifikati, magħżula, kwalifikati, ittestjati).

² 11694/23

Għadd kbir ta' delegazzjonijiet innotaw l-importanza li l-Istati Membri jżommu ċertu ammont ta' libertà biex jadottaw deċiżjonijiet nazzjonali, b'mod partikolari rigward il-lista ta' speċijiet li għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, il-kwalità tal-FRM imqiegħed fis-suq u l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' kontroll.

Barra minn hekk, il-kummenti ġenerali jidentifikaw diversi oqsma fejn id-dispożizzjonijiet proposti jeħtieġu analiżi ulterjuri, b'mod partikolari:

– **Strument legali/Għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni**

Xi delegazzjonijiet huma tal-opinjoni li t-tibdil tal-istrument legali minn Direttiva għal Regolament ma jidherx li huwa ġustifikat biżżejjed. Dawk id-delegazzjonijiet jixtiequ jżommu s-sistema attwali li ttipprevedi standards minimi uniformi madwar l-Ewropa kollha u tagħti lill-Istati Membri biżżejjed flessibilità biex iqisu l-kundizzjonijiet lokali differenti.

Xi delegazzjonijiet huma tal-fehma li l-għadd kbir ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni jagħmilha diffiċli biex tiġi vvalutata bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni l-ġdida u jista' jmur kontra l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Hemm bżonn jinstab bilanċ bejn il-kisba ta' armonizzazzjoni akbar u l-kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti nazzjonali.

– **Applikazzjoni**

Ir-Regolament propost japplika tliet snin wara li jidħol fis-seħħ. Madankollu, din l-iskeda ta' żmien tidher li hija qasira wisq għal xi delegazzjonijiet minħabba li r-Regolament fih għadd kbir ta' atti ta' implimentazzjoni u l-Istati Membri ser ikollhom jadottaw għadd kbir ta' regoli nazzjonali. Huma jqisu wkoll li l-kontenut tar-Regolament jista' jiġi vvalutat biss b'mod provviżorju.

– **Piż amministrattiv**

Xi delegazzjonijiet huma tal-opinjoni li l-proposta fiha aspetti proċedurali kumplessi żżejjed u rekwiżiti u awtorizzazzjonijiet ta' informazzjoni addizzjonali eċċessivi li għandhom jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti. L-implimentazzjoni tkun tfisser riżorsi addizzjonali sinifikanti, kemm finanzjarji kif ukoll ta' persunal.

b) Kummenti dwar l-artikoli eżaminati

Id-delegazzjonijiet għamlu r-rimarki li ġejjin b'mod partikolari:

– **Armonizzazzjoni**

Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tiddaħħal il-leġiżlazzjoni dwar l-FRM fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali u tar-Regolament (UE) 2016/2031 dwar is-saħħa tal-pjanti jeħtieġu ġustifikazzjoni ulterjuri peress li xi delegazzjonijiet jibżgħu li dan jista' jwassal għal konsegwenzi mhux mixtieqa billi jinħolqu piżijiet amministrattivi ġodda, b'mod partikolari għall-kumpaniji ż-żgħar.

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet jilqgħu l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti mal-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti.

– **Pjanijiet Nazzjonali ta' Kontinġenza**

Il-proposta tirrikjedi li l-Istat Membru jfassal pjan ta' kontinġenza biex jiżgura provvista suffiċjenti tal-FRM għar-riforestazzjoni taż-żoni milquta minn avvenimenti ta' temp estrem, nirien fis-selvaġġ, tifqigħat ta' pesti u diżastri oħra. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet iħossu li daww il-pjanijiet għandhom ikunu volontarji u jitolbu appoġġ finanzjarju biex ikunu jistgħu jabbozzawhom u jimplementawhom.

– **Definizzjonijiet**

Id-delegazzjonijiet jissottolinjaw li ħafna definizzjonijiet huma vagi wisq u jeħtieġ li jiġu fformulati mill-ġdid. Huma jqisu li definizzjonijiet oħra, bħad-definizzjoni ta' "operatur professjonist" jeħtieġ li jiġu allinjati mal-istess definizzjoni fir-Regolament dwar is-Saħħa tal-Pjanti. Definizzjonijiet oħra għandhom jiġu allinjati ma' dawk tal-OECD. Id-definizzjonijiet ser jiġu riveduti għat-tieni darba fid-dawl tal-eżami sħiħ tal-artikoli li huma relatati magħhom.

– **Riżorsi Ġenetiċi tal-Foresti (FGR)**

Diversi delegazzjonijiet jibżgħu li l-artikoli l-ġodda li jirregolaw il-produzzjoni ta' FGR minn unitajiet ta' notifika jistgħu jiġġeneraw sistema miftuħa għar-reġistrazzjoni ta' materjali bażiċi. Il-kwalità mbagħad tiġi ddefinita unilateralment mill-operaturi professjonisti u mingħajr validità xjentifika.

– **Operaturi professjonisti awtorizzati u tikketti uffiċjali**

Id-delegazzjonijiet jixtiequ jiċċaraw dawn id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-verifiki biex jiġi żgurat li l-operaturi professjonisti jissodisfaw ir-rekwiżiti biex ikunu awtorizzati joħorġu t-tikketti uffiċjali. Id-delegazzjonijiet jixtiequ wkoll li l-operaturi professjonisti jkomplu joħorġu d-dokument tal-fornitur li bħalissa jista' jissostitwixxi t-tikketta tal-fornitur u li huwa informattiv ħafna.

– **Skopijiet mhux tal-forestrija**

Xi delegazzjonijiet jippreferu jżommu d-dispożizzjonijiet attwali li jippermettu lill-Istati Membri jipproduċu materjal riproduttiv tal-foresti għal finijiet mhux tal-forestrija dment li dan ikun ittikkettat u ssorveljat kif xieraq.

– **Taħlitiet klonali:**

Il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV għat-taħlitiet klonali jagħmluha diffiċli li jiġu kkummerċjalizzati taħlitiet klonali għal skopijiet ta' bijodiversità. Xi delegazzjonijiet iridu jinkludu l-possibbiltà li jiġu prodotti dawk il-materjali minn materjali identifikati mis-sors permezz ta' propagazzjoni veġetattiva.

– **Ibridi naturali**

Xi delegazzjonijiet huma favur li l-ibridi naturali jew l-ispeċijiet regolati jitqiesu bħala ibridi artifiċjali.

– **Ħsad u ġbir tal-FRM**

Xi delegazzjonijiet jappellaw għall-inklużjoni ta' standards minimi għall-ħsad u l-ġbir tal-FRM.

– **Informazzjoni inċerta dwar il-kundizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi attwali u previsti fil-futur.**

Diversi delegazzjonijiet issottolinjaw li d-disponibbiltà ta' informazzjoni li tappoġġa adattament u prestazzjoni aħjar tal-FRM għall-kundizzjonijiet fuq il-post hija meħtieġa ħafna, iżda li bħalissa huwa possibbli biss li jiġu pprovdoti rakkomandazzjonijiet li għandhom isiru disponibbli mill-awtoritajiet kompetenti.

4. Il-Prezidenza tippjana li tkompli dawn id-diskussjonijiet fil-ġimgħat li ġejjin u ser taħdem fuq test tal-Prezidenza. Il-Prezidenza ser torganizza vidjokonferenza informali ulterjuri tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma fid-19 u l-20 ta' Diċembru 2023 bil-ħsieb li tippreżenta suġġerimenti għall-abbozzar mill-ġdid tal-Prezidenza³ għall-artikoli li ġew eżaminati s'issa, bl-għan li jiġi żviluppat u èċarat il-kontenut tagħhom.

³ ST 16296/23 (għandu jiġi ppubblikat dalwaqt)

5. Abbażi tal-progress li sar taħt il-Presidenza Spanjola, il-Presidenza Belġjana li jmiss qed tippjana li tkompli l-ħidma fuq dan il-fajl fil-livell tekniku.
 6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jieħu nota tal-progress li sar fl-eżami tal-proposta u jiskambja fehmiet.
-